

Brussell, 21 ta' Jannar 2016
(OR. en)

5334/16

ENV 18
ENT 13
MI 19

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14506/15 ENV 735 ENT 253 MI 753 + ADD 1
Suġġett:	Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6) - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

1. Peress li l-miżuri previsti huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' miżuri msemmi hawn fuq¹ għal skrutinju f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.²

¹ 14506/15 +ADD 1 - D042120/03.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz ta' miżuri permezz ta' proċedura bil-miktub informali u qabel li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill jopponi l-adozzjoni tagħhom.³
3. Is-Segretarjat Ġenerali għalhekk jissuġġerixxi li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm ebda raġuni biex ikun hemm oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżuri. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihomx, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

³ L-Artikolu 5a(3)(b) jipprevedi li l-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jopponi l-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn jekk ikunu jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, ma jkunux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew ma jkunux konformi mal-prinċipji ta' sussidjarjetà jew ta' proporzjonalità.